# Il-Logħob tan-Nar fil-Mixja taż-Żmien

**tagħrif miġbur mis-Sur Charles Coleiro**

Qabel waslu l-Kavallieri fostna ftit li xejn għandna tagħrif dwar il-logħob tan-nar fil-festi, għajr forsi l-ħġejjeġ u l-fjakkli li kienu jinxtegħlu, u l-aktar li tissemma kienet il-festa ta' l-Imnarja.

Fi żmien l-Ordni tibqa' magħrufa l-ħuġġieġa ta' San Ġwann, iżda mal-mixja tas-snin l-isparar sab postu fil-festi reliġjużi, u l-bumbardieri kienu juru l-ferħ tagħhom lill-Patruna Santa Barbara, b'salut ta' tiri mill-kanuni fuq is-swar tal-Belt Valletta. Bl-esperjenza li kellhom il-bumbardieri Maltin mill-balal tal-kanuni malajr żviluppaw kif setgħu jisparaw minn reċipjenti tal-bronż b'toqba fin-nofs, fejn kien jintrass il-polvri u b'niċċa taqbad fit-tarf tagħha sabu li l-kuntatt ġewwa joħroġ l-isplużjoni. Dawn kienu l-maskli li sa ftit tas-snin ilu kienu jagħmlu parti sewwa mill-festi ta' dawn il-gżejjer.

Maż-żmien xi kumitati tal-festi esterni bdew jistiednu esperti Taljani tal-logħob tan-nar li introduċew il-*guoco di fuoco* li b'Malti Taljanizzat baqa' jissejjaħ il-*ġiġġifogu*. It-Taljani tawna wkoll l-ewwel murtali tal-kulur fil-festi li għadhom magħrufa għall-wirjiet spettakolari bħal dawk tas-Salvatur ta' Ħal Lija, Sant'Elena ta' Birkirkara u San Ġorġ ta' Ħal Qormi, għalkemm minn wara l-aħħar gwerra 'l hawn xi rħula daħlu f'kompetizzjoni diretta ma' dawn il-festi. Hawnhekk tajjeb li ngħidu wkoll, li għall-festi kbar ta' l-Inkurunazzjoni ta' Marija Bambina li saru fl-Isla fl-1921 saret wirja kbira ta' logħob tan-nar fuq il-baħar.

Aktar ma għadda ż-żmien il-Maltin komplew jitgħallmu u bdew jaħdmu huma n-nar tal-festi, u mis-snin tal-kavallieri meta dawn kienu jinfexxu f'batterija ta' sparar biex juru l-ferħ tar-rebħ wara xi battalja, bdiet evoluzzjoni sħiħa b'nar ta' għamla u saħħa akbar kif titlob l-arti piroteknika.

Dari, dan il-logħob tan-nar kien aktar jikkonsisti f'xi faċċata ta' mudell ta' knisja, mixgħula b'gassijiet ta' kull lewn, imwaqqfa fuq pilastri ta' l-injam li kienu jqabbduha b'lasta b'gass ieħor fil-ponta. Aktar ma għadda ż-żmien beda proċess ieħor f'disinji kkuluriti, u n-nar, b'sengħa li teħtieġ ħila kbira għadda għal xogħol mekkanizzat b'emblemi li ħafna drabi jdaħħlu s-salib ta' Malta (bi tmien ponot), wirt ieħor ta' l-Ordni ta' San Ġwann u li kien isib prominenza f'dak li jibqa' jissejjaħ it-*tapit* jew l-aħħar biċċiet nar magħqudin li jagħlqu l-wirja tan-nar ta' l-art.

Mill-art id-dilettanti jfittxu l-għoli ta' l-ajru bil-ħsejjes u l-ispettaklu li jġibu magħhom il-murtali. Dan in-nar ta' l-ajru bil-kontroversji kollha li jqanqlu kull sena, jqanqlu wkoll eluf ta' ammiraturi li jimlew kull rokna tat-toroq li jwasslu lejn l-irħula tal-festa.

Ftit mill-ismijiet marbuta mat-taqsimiet tan-nar f'din il-kategorija jfakkruna fil-firxa wiesgħa li titlob is-sengħa ta' min jaħdem dan in-nar. Il-kaxxa Spanjola ħadet isimha mill-Gwerra Ċivili f'dak il-pajjiż meta daħal l-isparar f'serbut ta' balal, f'dak li ħafna jqabblu mal-*machine gun fire* fuq l-art. Iżda mill-kanen fl-għelieqi bdew joħorġu l-istess effett għal tiri fl-ajru.

Kif inhi d-drawwa, wara l-21 tir bħala salut u l-kaxxa nfernali mal-ħruġ tal-purċissjoni, f'xi lokalitajiet isir ukoll dak li jissejjaħ l-akkompanjament b'murtaletti ta' tliet fetħat u xi drabi għal iżjed skond kemm-il dabra jinfetħu d-dwawar ta' logħob, iżda kollha jagħlqu bil-bomba ta' l-aħħar.

Aktar dwar l-ismijiet tal-murtali jew xi wħud minnhom, hemm dawk li jsibuhom *ta' l-imsielet* għaliex fid-dwawar tagħhom joħorġu bħall-imsielet bit-trikki trakki (bombi żgħar) ifaqqgħu huma u neżlin jiddendlu mal-ftuħ li joħroġ ma' kull dawra. Kif jibda jroxx id-dlam niltaqgħu ma' dawk tal-*beraq pront* u oħrajn *tad-dawl* li jixegħlu s-sema mal-ftuħ tagħhom. Il-*blalen* daħlu wkoll minn ftit taż-żmien 'l hawn fil-programm tan-nar b'tondjatura li tfakkrek f'ballun ikkulurit, u l-*isfejjer* ikomplu jżewqu dan l-ispettaklu.

Dari konna aktar naraw murtali tas-*serpentella* jew dawk il-kuluri brillanti li jserrpu u jiġru f'kull naħa fis-sema. Inqatgħet ukoll il-musketterija tal-kulur li fi Triq il-Vitorja, fl-Isla kienet tixgħel bl-ilwien fuq il-bjut tal-każini u d-djar. Iżda r-*refgħat* li daħlu minn ftit tas-snin 'l hawn komplew jaġġornaw l-istil u l-għamla tal-logħob tan-nar ta' l-ajru. Dawn ir-*refgħat* kif jixhed isimhom huma murtali li jitilgħu f'daqqa f'geġwiġija ta' lwien u jiġu wara l-kaxxa nfernali tal-kulur. Xi drabi jkunu wkoll mistennija wara l-*kaxxa Spanjola*.

Illum il-logħob tan-nar sar iżjed sofistikat b'taqsimiet oħra li f'dawn il-kelmtejn mhux possibbli li jissemmew kollha. In-nar fil-festi sar joffri spettaklu ta' lwien (hawn min iżid ukoll *ta' ħsejjes*) miżgħud b'mużika sinkronizzata u bi programmi stampati għal min jixtieq isegwi l-

programm tal-logħob tan-nar bir-reqqa kollha li titlob il-piroteknika. Kiber ukoll l-interess min-naħa ta' l-awtoritajiet tat-turiżmu bl-introduzzjoni tal-festival nazzjonali tal-logħob tan-nar, li jsir f'Mejju bħala preludju għall-festi tas-sajf.

Hi ħasra li xi abbużi fil-qawwa ta' l-isplussivi u l-ħinijiet meta jinħaraq in-nar, qed jagħti lok biex dawk li qatt ma jaraw xejn sabiħ fit-tradizzjonijiet Maltin iqabbdu difrejhom biex mingħalihom irawmu kuxjenza kontra n-nar. Bi ftit aktar moderazzjoni dan l-ispettaklu li ngħiduha kif inhi, ma tħallas xejn biex tarah, rabba għeruq qawwija fil-manifestazzjonijiet tal-poplu Malti, u minkejja l-ħsejjes li jagħmlu xi wħud bl-ittri fil-ġurnali, qatt mhu sejjer jgħib minn fuq ix-xefaq tal-paesaġġ Malti.

**Nota:** Ħafna mit-tagħrif f'din il-kitba hu meħud mill-ktieb ta' l-istess awtur *Il-Festa Tagħna* – Pubblikazzjoni PIN fis-Sensiela Kullana Kulturali – 2003.


# VICTOR ZAMMIT
*Photographer*
For weddings, Engagements, Baptisms, Parties and other occasions.
151, Flat 3, St. Joseph Street, Senglea CSP 06 • Tel: 2182 0358 • Mob: 9946 4069



**BEAUTY 2000**
Hairdressing & Beauty Salon
Facial Treatments, Waxing, Eyebrow Shaping, Slimming Treatments, Hair Treatments, Tints, Perms, Up Styles....
**35, Victory Street, Senglea. Tel: 2169 1012**

Bazaar & Stationery needs
*Mark & Nadia Caruana*
141, Two Gates Street,
Senglea
Tel: 2180 8199

**Suez Canal Bar**
Triq San Pawl, Cospicua
Tel: 2182 8280

**DAMATO's Opticians**
**33, Paola Square, Paola - Malta • Tel: 2182 5906**
*Open: Mon. to Fri.: 9.00am - 12.30pm, 4.00pm - 7.00pm*
*Sat.: mornings only*